# Apprezzament:
# L-Avukat Ġużè Cassar
## *u l-Festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi*

© **Carmen Lia** B.Ed. (Hons.), B.A.

"L-Avukat tal-Festi Sekondarji" – hekk kien jindirizzah l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi lill-Avukat Ġużè Cassar meta fis-snin ħamsin Ġużè kien imur ikellmu rigward il-festa tal-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi. Din il-frażi kienet tixraqlu lil Ġużè għax il-festa ta' Lourdes u Ġużè kienu magħġuna ħaġa waħda flimkien. Matul is-snin, is-sehem soċjali ta' Ġużè Cassar kien kbir, speċjalment fil-Qrendi u għall-Qrendin, u speċjalment ukoll għall-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

### Il-festa u d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi

Sa tmiem is-seklu dsatax, il-festa prinċipali fil-Qrendi kienet dik ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni, popolarment imsejħa Santa Marija. L-ewwel purċissjoni bi statwa ta' l-Assunta f'Malta kienet issir fil-Qrendi.[1]

Fl-1869, ħdax-il sena wara d-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes fi Franza, mar bħala kappillan il-Qrendi Dun Pietru Pawl Xuereb, D.D. Dan il-kappillan, bħal ħafna miljuni ta' nsara mad-dinja kollha, issaħħar minn dawn id-dehriet tal-Madonna u saħansitra żar il-belt ta' Lourdes fi Franza. Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes bdiet dejjem tikber f'Malta. Għalhekk il-kappillan Xuereb ħaseb biex iżid din id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi. Huwa waqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Fl-1878, biex iżid l-entużjażmu, ġab statwa tal-Madonna ta' Lourdes u beda jorganizza festa f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes. Jingħad ukoll li mad-dar tiegħu għamel niċċa bi statwa tal-Madonna ta' Lourdes.

Fl-1895 twaqqaf l-ewwel każin soċjali bl-isem *Casino Lourdes*. Dan il-każin fil-Palazz tan-Nobbli Spiteri Agius[2] kien ta' kulħadd. Kien hemm partitaji tal-Madonna ta' Lourdes u ta' Santa Marija kif ukoll xi sinjuri li kienu jmorru l-Qrendi bħala villeġġjatura fosthom ta' Għana u ta' Depiro. Bil-mod il-mod, din il-festa sekondarja tal-Madonna ta' Lourdes saret popolari ħafna.

Għalkemm il-Każin Lourdes kien jieħu parti fiż-żewġ festi, ġara li l-festa ta' Santa Marija kienet qed issir b'mod sempliċi, filwaqt li dik tal-Madonna ta' Lourdes kienet qed issir b'pompa kbira. Kien hawnhekk li beda dieħel l-inkwiet tal-partiti u allura saret il-qasma. Dawk li kienu jxaqilbu lejn il-festa tal-Madonna ta' Lourdes baqgħu fil-Każin Lourdes, l-oħrajn ħarġu u waqqfu l-partit ta' Santa Marija. Dan kien ma' dħul is-seklu għoxrin, aktarx fl-1908.

### Il-familja ta' Ġużè Cassar fl-antik

Il-familja ta' Ġużè Cassar ħadet il-parti tal-festa sekondarja, aktarx minħabba l-ħbiberija tagħha mal-Kappillan Xuereb. Xi membri tal-familja ta' Ġużè magħrufa bħala taċ-*Ċess* u tal-*Mażina* kienu soċji fl-ewwel kumitat li sar fil-Każin ta' Lourdes. Fosthom insibu liz-ziju matern ta' Ġużè, Nikol Magri, li f'dan l-ewwel kumitat inħatar Viċi President, kariga li dam jokkupa għal tlettax-il sena. Minbarra hekk, dan Nikol Magri kien il-fundatur ta' l-ewwel orkestra fil-Qrendi u serva bħala t-tieni President tas-Soċjetà Lourdes mill-1908 sa l-1912.[3] Missier Ġużè, imbagħad, kien prinċipalment ħajtu ddedikata lill-fratellanza u l-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Kien imdaħħal sew fl-organizzazzjoni tal-festa. Kien dam żmien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-Każin tal-Banda Lourdes. Kien miġnun wara l-festa, jiġbor il-flus, ġej u sejjer il-Kurja għal ħaġa jew għall-

---

[1] Borg, Vincent. Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800). *The Historical Society, 1983.*
*At Qrendi, a statue of Our Lady used to be brought out for public veneration on the feast of the Assumption. This custom is already recorded during the last two decades of the 17th century and incidentally it is the first occasion when a statue of Our Lady is directly linked with the Assumption feast in Malta.* AAM, VP 1685-87B, 216r.

[2] Din l-ewwel sede kienet fil-Palazz tan-Nobbli Spiteri Agius fi Strada Reale (illum Triq il-Kbira) fejn illum joqogħdu 'ta' Samwel'.

[3] Minbarra fundatur ta' l-ewwel orkestra fil-Qrendi, Nikol Magri baqa' magħruf għal diversi kapaċitajiet tiegħu f'ħafna oqsma. Huwa kien l-ewwel għalliem fl-iskola l-qadima, jiġifieri l-ewwel skola tar-raħal fi Triq it-Torri. Kien guljanista, peżatur u kien isewwi l-arloġġi. Kien responsabbli fil-jiem tal-festi fil-Qrendi għad-dħul tad-dawl bl-aċitalena.

oħra, jiddefendi. Ġieli kien ikollu xi nuqqas ta' qbil mal-kappillan peress li kien iżomm mal-festa sekondarja. Min-naħa l-oħra, omm Ġużè kienet ukoll, bħal ħafna nisa oħrajn, devota ħafna tal-Madonna ta' Lourdes. Għalhekk ma setax jonqos illi l-fratellanza u l-festa ta' Lourdes tal-Qrendi jkunu għal qalbha ħafna tant li bl-għajnuna ta' nisa oħrajn kienet tieħu parti attiva f'ċerti dekorazzjonijiet għall-festa. Ġużè Cassar twieled u għex f'dan l-ambjent – ambjent ta' familja fejn għaliha l-ewwel u qabel kollox kien hemm il-festa. Għalhekk ma setax ikun li dan ma jinfluwenzax lil Ġużè li kompla fejn ħalla missieru, b'kontribut kbir lis-Soċjetà ta' Lourdes tal-Qrendi.

## Ġużè Cassar bħala tifel jagħti l-kontribut tiegħu fl-Orkestra Bellini u fil-festa Ċinkwantinarji ta' l-1928

Mal-bidu tas-seklu għoxrin, aktarx għall-ħabta ta' l-1904, twaqqfet Orkestra bl-isem Bellini minn Nikol Magri, iz-ziju matern ta' Ġużè. Il-kunċerti kienu jsiru fid-dar ta' l-istess Nikol li kienet ħdejn il-każin fejn jinsab illum. L-Orkestra Bellini kienet tieħu sehem fit-tridijiet u l-festa tal-Madonna ta' Lourdes fi żmien meta kien jidderieġi s-Surmast Alfons Kissoun. Ġużè kien wieħed mill-mużiċisti żgħar u kien idoqq it-timpani.[4]

L-1928 kien jaħbat iċ-Ċinkwantinarji mit-Twaqqif tal-Fratellanza ta' Lourdes fil-Qrendi. F'dak iż-żmien Ġużè kellu għaxar snin u ma tantx kien jista' jgħid l-affarijiet preċiżi kif ġraw dakinhar. L-akbar avveniment li baqa' jiftakar kien meta daqq ma' l-Orkestra Bellini. Jiftakar ukoll ħruq ta' purtieri fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi.

## Tingħata dar minn missier Ġużè

Bejn is-snin 1932-33, fi żmien il-Kappillan Emmanuel Micallef (1926-1934), il-Partit ta' Lourdes ried jagħmel bradella ġdida. Meta ppreżentaw ir-Rikors il-Kurja, kien jidher li kollox sew. Iżda wara nqalgħu l-irwiefen kollha u d-disinn ma kienx approvat għaliex skond l-appendiċi XV tal-Konċilju Reġjonali Malti d-disinji għall-opri ġodda għall-festi sekondarji kellhom ikunu sempliċi. Bi protesta għal dan, il-partit ta' Lourdes ma organizzax il-festa għal sentejn u wara l-inkwiet tant kiber li l-Kurja ssospendiet il-festa. Meta kien mar Dun Elia Spiteri (1934-1949) bħala kappillan ġdid, is-sitwazzjoni kompliet teħżien ferm u l-inkwiet tal-partiti tal-festi tant kiber li ġiegħel lill-Isqof Mawru Caruana biex fid-9 ta' Awissu 1935 joħroġ digriet li bih issuspenda l-Fratellanza ta' Lourdes. Il-Każin ta' Lourdes li kien fejn illum hemm il-każin ta' Santa Marija, kien ġie magħluq mill-pulizija.

Għaddew xi snin u missier Ġużè kien ħass li l-partit ta' Lourdes kien jixraqlu każin. Għalhekk hu qasam id-dar residenzjali tiegħu li kienet fi Pjazza Santa Marija biex akkomoda lill-Każin ta' Lourdes.

## Ġużè Cassar isir President tas-Soċjetà Lourdes

Meta bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, il-festi ma baqgħux isiru. Wara l-mewt ta' missieru, Ġużè xorta beda jieħu parti aktar attiva minn qabel fil-każin u jinteressa ruħu aktar fil-fratellanza u l-festa. Fil-fatt wara missieru, fl-1940 Cassar laħaq hu segretarju[5] u fl-1942 ħa l-kariga ta' President. Fl-1942, fiż-żminijiet iebsin u koroh tal-gwerra, Ġużè Cassar kien elett President tas-Soċjetà Lourdes.

Ċertu Carmelo Aquilina mlaqqam ta' *Bodu* beda jagħti spinta lill-attivitajiet tal-każin il-ġdid. Ġużè ftiehem ma' Carmelo Aquilina li jġib lis-Surmast Mikiel Ciantar, Żebbuġi, biex jorganizza banda. Taħt is-Surmast Ciantar, twaqqfet banda li kibret u saret waħda mill-aħjar baned ta' Malta. Ciantar kien jagħti l-lezzjonijiet tal-mużika kull nhar ta' Sibt flimkien ma' Carmelo Aquilina. Ciantar kien ukoll jorqod il-każin tas-Soċjetà, mis-Sibt għall-Ħadd, u l-Ħadd filgħodu kien jagħmel il-kunċerti.

---

[4] Barra mill-mużika profana li kienet tesegwixxi fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-maġġoranza tal-festi ta' barra, din l-Orkestra Bellini ndaħlet ukoll għall-mużika sagra u għamlet xi servizzi sagri fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi. Fl-1905 insibu li għall-festi devoti tal-Ġimgħa l-Kbira, l-orkestra l-ġdida tal-Qrendi daqqet r-responsorji fl-intervall ta' kull stazzjon. Dawn ir-responsorji kienu ġew miktuba mis-Surmast ta' l-orkestra Carmelo Zammit stess u kienu ġew imfaħħra ferm għall-ġmiel tagħhom. Bħala l-ewwel Surmast Direttur ta' din l-Orkestra nsibu lil Maestro Anonio Pace. Programm festa Lourdes 1989 u *Avvenimenti Importanti fl-Istorja Bikrija tal-**Casino Lourdes*** ta' Carmen Lia f'Programm Festa ta' l-Għaqda Mużikali Lourdes, Qrendi, pp.37-39.

[5] Mro. Carmelo Scicluna twieled Ħal Qormi fil-25 ta' Lulju 1903. Ta' dsatax-il sena kien beda jidderieġi l-Banda Pinto ta' Ħal Qormi. Fl-1923 sar Surmast Direttur tal-Banda Pio X ta' Ħal Lija u fl-1932 laħaq ukoll Surmast Direttur tal-Banda Beland taż-Żejtun flok Mro. Miruzzi. Laħaq Surmast Direttur tal-Banda Lourdes fit- ta' Lulju 1947. Skond il-Minuti eżistenti tal-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Lourdes, f'Seduta numru 15, il-Kumitat unanimament ħatru bħala Surmast Direttur tal-banda bi ħlas ta' Lm6.00 fix-xahar.

## L-inizjattiva ta' Ġużè biex sar l-Innu lill-Madonna ta' Lourdes

Wara l-gwerra nsibu qawmien u interess ġdid fil-baned. Il-Kumitat tal-Banda Lourdes beda juri interess kbir sabiex jinkiteb Innu Sagru lill-Madonna taħt it-titlu minn ta' Lourdes li kellu jinkludi solisti bħal tenur u baritonu kif ukoll kor. Il-kumitat kien konvint li s-Surmast Direttur li kien għadu kif jilħaq, Carmelo Scicluna, kellu l-kwalifiki u l-kapaċitajiet kollha li jinseġ innu klassiku bl-isbaħ sinfonija, armonija u melodija. F'Settembru ta' l-1947, Dun Frans Camilleri,[6] magħruf għall-kitba ta' l-innijiet, kien avviċinat minn Mro. Carmelo Scicluna,[7] dak iż-żmien Surmast Direttur tal-Banda Lourdes, sabiex jikteb innu bil-Malti ddedikat lill-Madonna ta' Lourdes. Dan l-innu kien sar fuq inizjattiva ta' Ġużè Cassar li kien wera x-xewqa u ssuġġerixxa li jinkiteb innu lill-Madonna b'*leit motif* in-noti ta' l-Ave Maria ta' Lourdes u li l-istrumenti tal-banda jinkludu l-qniepen. Ix-xewqa ta' Ġużè Cassar inqatgħet għaliex l-innu nkiteb minn Dun Frans f'Settembru 1947 u l-mużika minn Mro. Scicluna tlestiet fit-30 ta' Settembru 1947. Ukoll, l-innu beda proprju bil-qniepen fl-ewwel versi tiegħu:

> *"Smajna l-qniepen b'leħenhom ferrieħa,*
> *Isellmulek u jinsġu t-tifħir,*
> *Xbejba Mbierka fost kollha magħżula,*
> *Biex Omm Alla li ħalqek issir."*

L-innu, però, jidher li żżanżan fl-ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes fil-11 ta' Frar 1948.

Ukoll, il-versi ta' dan l-innu kienu fost l-ewwel mitt innu li Dun Frans Camilleri ppubblika fi ktieb fis-sena 1948.



*Festa 1943*

## It-tħabrik ta' Ġużè jwassal għat-twaqqif mill-ġdid tal-Fratellanza ta' Lourdes

Il-festa tal-Madonna ta' Lourdes kienet soppressa min-nofs is-snin tletin sa l-aħħar tas-snin ħamsin u għalhekk minkejja li meta t-Tieni Gwerra naqset mill-qilla tagħha, twaqqfet il-Banda Lourdes, din ma setgħetx tieħu sehem fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes għax lanqas fratellanza ma kien għad hemm. Għalhekk il-kumitat ħaseb biex jagħmel festa fil-Jum Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Din il-festa li kienet tissejjaħ "Ta' l-Arblu" kienet festa kbira u kienu jieħdu parti sa tmien baned minn bosta bliet u rħula ta' Malta. Kienet saret festa popolari u kienu jitħejjew ħafna murtali u nar ta' l-art mekkanizzat. In-nies kienu jiġu minn kull rokna ta' Malta u spiss kienu jistaqsu għaliex ma kinitx issir purċissjoni fil-festa. Il-Qrendin kienu b'ċajta jweġbuhom li

---

6 Programm Festa Lourdes 1990, pp. 23-28.

7 President - A. Zammit Mc Keon Esq., Secretary - Joseph Cassar, Esq., Cashier - P. Magri, Esq. Members - Michele Cassar, Giov. Callus, Joseph Bugeja, Joseph Magro, Francis Vella, Joseph Cassar, Carmelo Bugeja, John Pace, Joseph Magri, John Farrugia, Guida Generale 1937-38.
Missier Ġużè kien segretarju u Ġużè kien membru.
C. Crendi - Circolo Musicale Lourdes 25, Sda. Parrocchiale, Presidente Onor. Not. S. Borg Olivier.
Vice Presidente - N. Magri
Segretario - Giuseppe Cassar
Ass. Seg. Patrick Mahoney
Cassiere Carmelo Aquilina, Ass. Cassiere - Luigi Galea
Direttore Generali - Andrea Magro
Archivista - Giuseppe Magro
Deputati - Benjamino Cassar, Giov. Callus, Anġ. Cassar, Fco. Vella, Giorgio Cassar, Paolo Vella, Anġ. Bezzina, Giuseppe Brincat, Giovanni Catania – Guide Generale 1933-34.

l-Qrendi kienet bħal Birkirkara, il-purċissjoni kienet issir filgħodu. Kienu bosta li ma emmnux, iżda kien ikun hemm min jiblagħha din iċ-ċajta. Din il-festa, però, qatt ma kienet għoġbot lill-Arċisqof Gonzi li kienet nieqsa mill-aspett reliġjuż u għalhekk kien iqisha bħala festa ta' bluha u ta' żina.

Sadanittant, il-Kappillan Dun Elia Spiteri kien miet u fl-1950 laħaq Dun Nerik Mahoney mill-Isla, post il-Bambina. Il-partitarji ta' Lourdes reġgħu talbu biex il-festa tibda ssir.



*Tberik ta' strumenti tal-banda u standardi mill-W.R. Kappillan Patrick Mahoney – 1956*

Il-partitarji ta' Lourdes xorta baqgħu juru x-xewqa tagħhom li terġa' tibda ssir il-festa. Fl-1956, meta Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi għamel il-Viżta Pastorali tiegħu fil-Qrendi, bosta kienu dawk li tennewlu t-talba tagħhom biex fil-Qrendi terġa' titwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes. Saret ukoll rewwixta min-nisa partitarji tas-Soċjetà, li żgur ħalliet xi effett pożittiv. Fil-Qrendi dak iż-żmien kien hemm Madre Franġiska, soru li kellha l-fama ta' qdusija. Din ġabret magħha għadd ta' nisa biex meta l-Arċisqof iżur il-Kunvent tagħha, din titolbu l-festa. F'okkażjoni oħra, għall-ħabta tas-sena 1956, meta l-Arċisqof żar l-iskola tal-Qrendi, bosta nies kienu nġabru biex jitolbuh il-festa. Ir-rassa fuq il-karozza kienet tant kbira li dakinhar qaċċtulu l-bandiera minn fuq il-karozza.

Ġużè u l-Kappillan Mahoney kienu ħbieb kbar, iżda l-Arċisqof Gonzi żamm iebes u ma riedx li jagħti l-kunsens tiegħu biex terġa' tkun imwaqqfa l-fratellanza. Però wara xi żmien, permezz ta' Carmelo Aquilina (Bobu), instab inkwadru li kien fil-kamra fejn kien jinżamm l-armar tal-fratellanza. Dan l-inkwadru kien fih kitba magħmula mill-istess Kappillan Xuereb. Din il-kitba kienet tgħid bil-Latin li l-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes kienet assoċjata ma' l-Arċikonfraternità Primarja u ma' l-Arċisolidalità tas-Sinjura ta' Lourdes f'Ruma. Ġużè kiteb barra minn Malta biex isir jaf x'kienu eżatt il-privileġġi ta' din l-Arċikonfraternità. L-aktar li kienet laqtitu fit-tweġiba li rċieva kienet il-parti li tgħid li biex din l-Arċikonfraternità tkun soppressa kienet meħtieġa l-awtorità tal-Papa. Fil-każ partikolari tas-Soċjetà ta' Lourdes, meta kienet soppressa l-fratellanza ma kienx hemm il-kunsens tal-Papa, u għalhekk l-Arċisqof kien iddeċieda waħdu mingħajr ma ta ebda raġuni tad-deċiżjoni tiegħu li jossopprimi l-fratellanza.

Il-kumitat għamel rikors il-kurja. Saru diversi taħditiet ma' l-Arċisqof Gonzi. Ġużè mar ukoll għand l-Arċisqof, li min-naħa tiegħu dejjem kien jilqgħu, u wara li ra d-dokumenti kollha, qal lil Ġużè li xi ftit tar-raġun kellu u żied jgħidlu li peress li fi ftit żmien kien se jiġi ċċelebrat iċ-ċentinarju mid-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes fl-1958, kien se jieħu l-okkażjoni biex jerġa' jistabbilixxi l-fratellanza, bil-kundizzjoni, però, li l-festa li l-każin kien qed jorganizza fit-8 ta' Settembru ma tkomplix issir. L-Arċisqof ma kienx aċċetta lanqas li l-festa tal-Madonna ta' Lourdes tkun iċċelebrata bħall-festi sekondarji l-oħra għax dan insista li din kienet se tibda mill-ġdid. Ġużè aċċetta għax kien jixtieq ħafna li jerġa' jara lill-Madonna ta' Lourdes toħroġ mill-ġdid fit-toroq tal-Qrendi. Fis-27 ta' Ġunju 1958 l-Arċisqof Gonzi reġa' waqqaf il-Fratellanza u għalhekk wara tlieta u tletin sena reġgħet bdiet issir il-festa tal-Madonna ta' Lourdes, dejjem bit-tħabrik ta' Ġużè Cassar. Wara l-1958, il-festa tal-Madonna ta' Lourdes kompliet tikber bħala festa tat-tielet klassi.



*Festi Ċentinarji mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes – Qrendi – 1978.*

## Ġużè u t-twaqqif tal-festa bħala sekondarja



*Seduta Ġenerali Annwali – 1979*

Wara xi żmien il-partitarji ta' Lourdes reġgħu talbu biex il-festa ma tibqax issir bħala tat-tielet klassi iżda bħal tas-sekondarji. Fl-1960 miet il-Kappillan Mahoney u minfloku laħaq il-Kappillan Salv Fenech mill-Furjana li kien jaf il-Qrendi sew peress li kien diġà għalliem fl-iskola primarja tal-Qrendi. Ġużè baqa jistinka sabiex il-festa ta' Lourdes tkun tista' tibda tkun iċċelebrata bħall-festi sekondarji l-oħra. Is-Soċjetà kellha problema peress li l-każin ma kienx qrib il-knisja u għalhekk il-planċier tal-banda kien jintrama quddiem il-każin waqt li l-armar tal-festa kien isir biss quddiem il-knisja.

Fis-sena 1962 l-Arċisqof Gonzi laqa' t-talba tal-Madonna ta' Lourdes u tahom il-permess li jkollhom l-istes drittijiet għall-festi tas-sekondarji. Ġużè kien ġabha żewġ. Il-partitarji ta' Santa Marija ħadu għalihom u għalhekk ma saritx il-festa bi protesta u baqgħu ma jagħmluhiex sa ma nbidel il-Kappillan Fenech fl-1969.

B'hekk il-partitarji ta' Lourdes akkwistaw lura l-fratellanza u l-festa.

## Armar mal-post kollu bis-saħħa ta' Ġużè

Hemm ħafna mill-partitarji tal-festi titulari li jwaħħlu fl-Avukat Cassar bħala dak li kellu sehem kbir fit-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-festi sekondarji.

Fl-1970 il-partitarji ta' Lourdes kienu għamlu talba biex jistgħu jarmaw il-pjazza wkoll.

Fl-1971 Ġużè Cassar reġa' ħareġ għall-politika u sar ministru. Sadanittant fuq inizjattiva tas-Soċjetà ta' Lourdes u speċjalment bit-tħabrik tas-Sur Joe Magro u s-Sur Joe Bugeja, kien twaqqaf Kumitat Festi Sekondarji li kien jiltaqa' fil-Każin Anglo-Maltese, il-Belt, fejn kienu mistiedna jattendu rappreżentanti mill-festi sekondarji kollha. Fuq suġġeriment ta' Ġużè Cassar saret applikazzjoni minn dak il-kumitat lill-gvern sabiex il-każini tal-festi sekondarji jkollhom l-istess drittijiet daqs dawk tal-festi tal-parroċċa, f'dak li kellu x'jaqsam ma' l-armar u t-tiżjin fil-festi ta' barra. Iżda l-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien ma aċċettax il-proposta tagħhom. It-tweġiba kienet li skond ir-regolamenti l-kappillan tar-raħal kellu wkoll ġuristikazzjoni fuq il-festa esterna.

Il-Prim Ministru Dom Mintoff ma kien jaf xejn fuq il-kwistjoni ta' l-armar. Però kien Ġużè Cassar li spjega


*Akkademja tal-Mużika Maria Lourdes mal-President Dr. Ġużè Cassar – 1980*

s-sitwazzjoni lil Mintoff u dan minnaħa tiegħu malajr ordna li ma kienx hemm il-ħtieġa li jingħata l-kunsens tal-kappillan għall-armar ta' barra u biex jinħaraq in-nar. Id-deċiżjoni kellha titħalla biss f'idejn il-Kummissarju tal-Pulizija. Dan kien il-Ġimgħa, jumejn biss qabel il-festa tal-Madonna ta' Lourdes fl-1975. Ġużè mill-ewwel kien ċempel il-Qrendi u għarraf lill-Kumitat tal-Każin ta' Lourdes li l-armar ta' barra seta' jsir fit-toroq kollha tal-Qrendi. L-entużjażmu, il-ferħ u l-ġenn tal-Partitarji għal dik l-aħbar kien kbir.[8]



*Festa 1984*

### Kontribut kbir matul ħajjet Ġużè Cassar

Ġużè Cassar baqa' jokkupa l-kariga ta' President tal-Każin tal-Banda Lourdes sakemm miet f'Novembru 2001. Baqa' jħabrek u jirsisti sa l-aħħar għall-fratellanza, festa u Każin ta' Lourdes tal-Qrendi. Huwa kien ukoll benefattur kbir tas-Soċjetà.

# Imut l-Avukat Ġużè Cassar

## *Wieħed mill-Pilastri tas-Seklu Għoxrin*



L-Avukat Ġużè Cassar ħalliena fis-27 ta' Novembru tas-sena l-oħra. Fl-aħħar snin ta' ħajtu l-Avukat Cassar kien jokkupa l-kariga ta' Aġent President tar-Repubblika. Huwa kien ilu sa mill-bidu tas-snin erbgħin involut fil-politika u matul il-karriera politika tiegħu kien jokkupa diversi karigi ministerjali. Fil-qasam soċjali l-Avukat Cassar kien ilu għal snin twal President tal-Banda Lourdes tal-Qrendi.

L-aħbar tal-mewt tiegħu ħasditni għalkemm b'xi mod kont qed nistenniha peress li saħħtu kienet ilha sejra lura. Lil Ġużè Cassar sirt nafu meta għal dawn l-aħħar snin kont nagħmillu xi intervisti fil-Palazz il-Belt dwar diversi aspetti tal-ħajja politika u soċjali tiegħu. Wara karriera politika twila ferm, ma kontx nistenna li Ġużè jiftakar kollox. Kien nesa ħafna mill-affarijiet li għaddew mingħalih. F'ħajtu ma tantx kien iħobb jikteb dwar dak li kien jiltaqa' miegħu u għalhekk kien isibha xi ftit diffiċli biex jiftakar. Però li kien jolqotni f'Ġużè kienet is-sinċerità u l-onestà tiegħu kif ukoll ix-xewqa kbira tiegħu li ma jweġġa' lil ħadd bi kliemu. Baqa' sa l-aħħar ta' ħajtu maħbub minn kulħadd. Il-President tar-Repubblika kien jirreferi għalih bħala "Iz-Ziju Ġuż". Kien ukoll bniedem kbir, bniedem li dejjem ħadem u stinka għal raħal twelidu kif ukoll għal Malta.

Ġużè Cassar, imwieled il-Qrendi fit-22 ta' Jannar 1918 bin Giuseppe u Giovanna née Magri, kien ġej minn familja tipika tar-raħal, familja ta' ħaddiema, familja li l-ħajja tagħha kienet tepitomizza fuq ir-reliġjuż u l-

[8] Dun Frans Camilleri twieled fl-1919 fil-Marsa. L-ewwel editur ta' *Il-Ħuġġieġa* u ta' *Lil Ħutna*. Kiteb madwar 500 innu għall-parroċċi, skejjel, għaqdiet reliġjużi u profani u għall-każini tal-banda. Is-Soċjetà Lourdes kienet ixxurtjata li wara l-gwerra l-innijiet bdew jinkitbu bil-Malti u mhux bit-Taljan.

agrikolu. Missier Ġużè kien mastrudaxxa u aktar tard sar Riċevitur tal-Lottu fil-Qrendi. Għalkemm Ġużè twieled f'dan l-ambjent sempliċi tar-raħal, fl-istess waqt qatt ma kellu ħajra għall-biedja. Fil-familja tiegħu sab ukoll ambjent tal-liġi. Lil missier Ġużè, lil Gużeppi, il-Qrendin kienu jafuh bħala l-*avukat tal-qorq* u n-nies jitkellmu fuqu b'ammirazzjoni *Jaf jaqra u jifhem bit-Taljan*. Mhux ta' b'xejn li l-familja ta' Ġużè kienet tgawdi stima kbira fir-raħal! Missier Ġużè kien dejjem iħajjar lil ibnu Ġużè biex meta jikber jaqbad il-professjoni ta' avukat. Għalhekk wara l-iskola primarja tal-Qrendi, Ġużè mar fl-aħjar skejjel ta' dak iż-żmien. Wara s-Seminarju ta' Għawdex fejn għamel sar-raba' klassi, fl-1934 Ġużè għamel eżami tad-dħul għall-ħameś Klassi Sekondarja tal-Liċeo ta' Malta u hemm baqa' jistudja sakemm ta l-eżami tal-Matrikola u għadda għall-Università ta' Malta. Hemmhekk ġab il-Bakkalawreat fl-Arti (B.A.) u kompla sakemm fl-1943 ħa l-Lawrja ta' Avukat (LL.D.). Fost l-istudenti fl-istess kors tal-liġi nsibu l-ex-Prim Imħallef J.J. Cremona, l-ex-Imħallfin Caruana Curran, Riccardo Farrugia, John Anastasi, Fortunato Mizzi u l-ex-Ministru Dr. Carmelo Caruana. Wara xi żmien Ġużè serva bħala voluntier fil-*Home Guard* waqt il-gwerra. Fil-gwerra, Ġużè kien sar familjari ma' John Cole. Dan ir-refuġjat fil-Qrendi ħalla impatt kbir fuq Cassar peress li kien Cole li introduċih għall-ideat soċjalisti. B'insistenza ta' John Cole wkoll, Ġużè Cassar ipprepara għall-politika.



Kien fil-bidu tas-snin erbgħin li Ġużè Cassar beda jinvolvi ruħu fil-politika. Beda l-karriera politika tant twila tiegħu bħala delegat ta' *Lourdes Music Club* tal-Qrendi fl-Assemblea Nazzjonali ta' l-1945. Kien ukoll waqt il-laqgħat ta' din l-Assemblea li Ġużè kellu l-ewwel kuntatt tiegħu mal-Perit Dom Mintoff li kien ukoll jattendi bħala delegat. Huwa stess kien irrakkontali kif daħal fil-politika:

*Mistoqsija lil Cassar*: Kif dħalt fil-politika inti?

*Cassar:* Ara, kont nattendi fl-Assemblea Ġenerali bħala President tal-Każin tal-Banda ta' Lourdes...kont nieħu pjaċir, ħaġa tal-Kostituzzjoni. Kien jattendi John Cole ukoll, ma nafx taħt liema...forsi l-*General Workers Union* għax kien attiv ħafna fil-G.W.U. U dan darba minnhom ġie fuqi flimkien ma' Mintoff.



*Skola Primarja Qrendi fi żmien is-Surmast Filippu Zammit (circa 1923)*

*Cole lil Mintoff:* Dom, ara dan huwa Cassar.

*Mintoff lil Cassar:* Ma nafekx jien. Jien Dom Mintoff.

*Cassar lil Montoff:* Jiena naf li inti Dom Mintoff. Kont student u kont narak toqgħod toħroġ wieħed wara l-ieħor għall-premjijiet. Imma qatt ma kelli l-pjaċir niltaqa' miegħek.

*Cole lil Mintoff:* Dom, dan huwa Cassar kif għidtlek jien, issa qara ħafna fuq politika, nitkellem miegħu spiss u l-ideat tiegħu jxaqilbu sewwa lejn l-ideat tagħna. Dan nistgħu nqisuh bħala wieħed minna. Indaħħluh.

*Cole lil Cassar:* Inti xi tgħid?

*Cassar:* Jien ma rridx nidħol għal issa, għadni se nibda, għadni lanqas sirt avukat, għadni student u se nidħol fil-politika?!

*Cole lil Cassar:* X'fiha din? Ara ġewwa. Issa tirċievi li inti ġewwa, daqshekk.



*Dr. Ġużè Cassar flimkien ma' xi studenti tal-Liġi*

U minn dakinhar 'il quddiem Ġużè Cassar sab ruħu membru tal-Partit Laburista.

Fl-1945 Ġużè Cassar kien elett għall-ewwel darba membru tal-Kunsill tal-Gvern mal-Partit Laburista, dak iż-żmien fuq l-ewwel distrett elettorali meta l-Partit tal-Ħaddiema kien immexxi mit-Tabib Pawlu Boffa. Kellu suċċess kbir.

Fl-1947 Ġużè kkontesta għall-elezzjoni f'isem il-Partit Laburista u kien elett. Sar *Speaker* fl-Assemblea Leġislattiva ta' l-1947 wara li rrifjuta li jsir Ministru billi kellu x-xewqa li jkompli jipprattika l-professjoni ta' Avukat. Matul dan iż-żmien kellu diversi każijiet kriminali importanti f'idejh. Fl-1948 inħatar Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari, liema kariga żamm sa Settembru ta' l-1950.



Fl-1948 Ġużè Cassar iżżewweġ lil Jane née Pace mill-Birgu. Iċ-ċerimonja taż-żwieġ saret fil-Kurja Arċiveskovili l-Belt minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi stess. Ix-xhieda kienu l-Prim Ministru Sir Paul Boffa u l-Prim Imħallef Sir George Borg.

Fl-elezzjoni tas-snin ħamsin, l-Avukat Cassar kien ikkontesta mal-*Malta Workers Party* u f'dan il-Gvern ta' koalizzjoni huwa kien Ministru tal-Ġustizzja fil-Partit ta' Boffa fi żmien meta ħadem bis-sħiħ bħala medjatur biex jgħaqqad mill-ġdid il-Moviment tal-Ħaddiema. Huwa reġa' ngħaqad mal-Partit Laburista fit-3 ta' Ottubru 1953 fejn baqa' joħroġ f'kull elezzjoni. Matul il-ħmistax-il sena ta' Gvern Laburista huwa kien jokkupa l-karigi ta' Ministru tax-Xogħol, Edukazzjoni, Ġustizzja u Finanzi fost l-oħrajn.

Fil-perjodu ta' bejn l-1962 u l-1971 Ġużè Cassar ma kienx ikkontesta l-elezzjoni ġenerali minħabba l-kwistjoni politika-reliġjuża li l-Partit Laburista kellu mal-Knisja. Fl-1971 kien reġa' kkontesta u ġie għal diversi snin u dejjem maħtur ministru. Fl-1976 Ġużè Cassar sar deputat mexxej tal-Partit Laburista. Hu kellu



*L-E.T. Dr. Ġużè Cassar, Aġent President ta' Malta, għaddej fil-kuridur tal-Palazz il-Belt, wara l-ġurament tal-ħatra*

sehem fit-tfassil tal-kostituzzjoni tar-Repubblika. L-aħħar elezzjoni li kkontesta kienet dik ta' l-1992. Fl-1993 ingħata Ġieħ ir-Repubblika u wara s-sena 1997 ġieli serva bħala Aġent President tar-Repubblika.

Matul ħajtu serva u ta li seta' lil pajjiżu. Il-parti l-kbira ta' ħajtu għaddieha attiv fil-politika fejn dejjem qeda doveri kemm bħala Ministru u kif ukoll bħala membru tal-Parlament. Kien persuna li kapaċi tiddibatti u titkellem fuq kollox. Il-famuża "però" tiegħu tirrifletti t-tattika politika fina tiegħu. Kellu wkoll kapaċità kbira tiegħu li f'sitwazzjonijiet diffiċli jnissel tbissima b'xi ċajta li kien jgħid. "J'Alla li jkollna aktar nies bħalu," qal il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami meta sema' bl-aħbar tal-mewt ta' l-Avukat Ġużè Cassar.


# ATTRANS COMMERCIALS LTD

Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06 - Malta

Tel: 21465390 Fax: 21463696 Mobile: 9949 0222

**GENERATORS**

***FOR SALE***

***&***

***HIRE***



ONIS VISA